# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/241

## tal-10 ta' Frar 2017

## dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni taż-żejt essenzjali *Origanum vulgare* L. bħala sustanza bażika skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(5) flimkien mal-Artikolu 13(2) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mal-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, fid-19 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni mingħand l-Institut technique de l'agriculture biologique (ITAB) għall-approvazzjoni taż-żejt essenzjali *Origanum vulgare* L. bħala sustanza bażika. Dik l-applikazzjoni kellha magħha l-informazzjoni meħtieġa skont it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 23(3).

(2) Il-Kummissjoni talbet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") għal għajnuna xjentifika. Fit-22 ta' Ġunju 2016, l-Awtorità ppreżentat Rapport Tekniku dwar is-sustanza kkonċernata lill-Kummissjoni ([2]). Fis-7 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport tar-rieżami ([3]) u l-abbozz ta' dan ir-Regolament dwar in-nuqqas ta' approvazzjoni taż-żejt essenzjali *Origanum vulgare* L. lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf, u ffinalizzathom għal-laqgħa tal-Kumitat tas-7 ta' Diċembru 2016.

(3) Id-dokumentazzjoni mressqa mill-applikant turi li ż-żejt essenzjali *Origanum vulgare* L. jissodisfa l-kriterji ta' oġġett tal-ikel kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(4) Ġie identifikat tħassib speċifiku fir-Rapport Tekniku tal-Awtorità dwar l-esponiment għaż-żejt essenzjali u l-komponenti karvakrol, gamma-terpinen u 1,8-ċineole speċifikament mill-użu tal-pestiċida u b'riżultat ta' dan, il-valutazzjoni tal-analiżi tar-riskju għall-operaturi, għall-ħaddiema, għall-persuni fil-qrib, għall-konsumaturi u għall-organiżmi mhux fil-mira ma setgħetx tiġi finalizzata.

(5) Il-Kummissjoni stiednet lill-applikant iressaq il-kummenti tiegħu dwar ir-Rapport Tekniku tal-Awtorità u dwar l-abbozz tar-rapport tar-rieżami. L-applikant ressaq il-kummenti tiegħu, u dawn ġew eżaminati bir-reqqa.

(6) Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa mill-applikant, it-tħassib dwar din is-sustanza ma jistax jiġi eliminat.

(7) B'riżultat ta' dan, kif stabbilit fir-rapport tar-rieżami tal-Kummissjoni, ma ġiex stabbilit li r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati. Għaldaqstant, huwa xieraq li ż-żejt essenzjali *Origanum vulgare* L. ma jiġix approvat bħala sustanza bażika.

(8) Dan ir-Regolament ma jippreġudikax is-sottomissjoni ta' applikazzjoni oħra għall-approvazzjoni taż-żejt essenzjali *Origanum vulgare* L. bħala sustanza bażika skont l-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) Outcome of the consultation with Member States and EFSA on the basic substance application for *Origanum vulgare* L. essential oil for use in plant protection as fungicide, bactericide and insecticide on various crops. Il-pubblikazzjoni ta' appoġġ tal-EFSA 2016:EN-1054.
([3]) http://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/public/?event=activesubstance.selection&language=EN
([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Is-sustanza żejt essenzjali *Origanum vulgare* L. mhijiex approvata bħala sustanza bażika.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2017.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER